SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - DIĊEMBRU 2020

**DATA: It-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020** **ĦIN: 5.00p.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fl-uffiċċju tal-Kunsill f'numru 5/6 Trejqet il-Ġirasol Binja tal-Faqqani Santa Luċija.

Din il-laqgħa, għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika minħabba l-pandemija tal-Covid 19, saret b'mod virtwali u ġiet ukoll *live streamed* fuq l-*internet*. Ir-residenti li wrew interess li jipparteċipaw ingħataw il-*link* biex ikunu jistgħu jagħmlu kollegament mal-Kunsill u jressqu l-kummenti tagħhom. Sar ukoll kollegament bit-*telephone* ma' residenti li xtaqu jwasslu l-ilmenti u suġġerimenti tagħhom u inqraw wkoll u ġew imwieġba *e-mails* li ntbagħtu l-Kunsill biex jiġu indirizzati waqt din il-laqgħa.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku Charmaine St John, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Terrence Ellul u Kylie D'Amato. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio u l-Assistent Prinċipal Louise Gatt u l-Assistenta tal-Uffiċċju, Angele' Marie Brincat.

Assenti: Il-Kunsillier Liam Sciberras bgħat e-mail fejn informa lill-Kunsill li ma setax jattendi minħabba impenji urġenti marbuta max-xogħol tiegħu.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku qalet li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 2. Diskors mis-Sindku

Is-Sindku qrat diskors li qed jiġi anness ma' dawn il-minuti.

## 3. Estimi tad-Dħul u Nfieq tal-Kunsill għas-sena 2021

Is-Sindku ppreżentat l-estimi tal-Budget għas-sena 2021. Hija spjegat permezz ta' *power point presentation* li ttellgħet waqt din il-laqgħa kif il-Kunsill qed jassumi d-dħul u l-ispejjeż kurrenti bi preparazzjoni għall-Budget.

## 4 Proġetti Kapitali

Is-Sindku tat rendikont tal-proġetti kapitali li ser ikun qed jiffoka fuqhom il-Kunsill fis-sena 2021 li jinkludu:

- Il-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli li ser tinkludi wkoll *cycling lane* u *dog park* li ser issir minn Infrastructure Malta
- Xogħol ta' Kisi ta' Toroq li ser ikopri tul ta' żewġ kilometri.
- *Drip Irrigation system* fil-Picnic Area
- Kostruzzjoni ta' rampa fi Triq Maria de Domenicis quddiem Flats Independenza għal aċċess aħjar għall-persuni b'Diżabilita'
- Installazzjoni ta' CCTV cameras fi Pjazza Dorell u Pjazza 7 ta' Lulju
- Investiment *f'Mobile App*. biex residenti jwasslu l-ilmenti tagħhom b'mod aktar effiċjenti
- Rinovazzjoni tal-*Website* tal-Kunsill

## 5 KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### *5.1 Is-Sur Joe Gaffarena*

Is-Sindku qrat *e-mail* tas-Sur Gaffarena fejn dan irrefera għal proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani. Fl-*e-mail* tiegħu s-Sur Gaffarena saħaq li ir-residenti ta' Santa Luċija ma ggwadanjaw xejn minn dan il-proġett u qal lit-triq biex tmur lejn Raħal Ġdid saret itwal u perikoluża. Huwa issuġerixxa li jerġa jinfetaħ il-ħruġ li kien hemm qabel għal fuq Xintill Roundabout.

#### *5.1.1 Tweġiba*

Is-Sindku qalet li l-Awtorita' tal-Ippjanar ma tatx permess biex il-ħruġ għal fuq Xintill Roundabout jerġa jinfetaħ. Il-Viċi Sindku fakkar li l-Kunsill ippropona alternattiva għal din il-problema li ntbagħtet lill-Infrastructure Malta għal konsiderazzjoni tagħha.

### *5.2 Is-Sinjura Doreen Pace*

Is-Sindku qrat *e-mail* tas-Sinjura Doreen Pace fejn din irreferit għal proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani u saħqet li l-*walkway* fuq ir-*roundabout* hija perikoluża. Hija issuġġerit li jsir *barrier* kif sar fuq ir-*roundabout* tal-Kappara. Hija inutat li twaħħlu ħafna siġar u tat proset lill-Kunsill f'dan ir-rigward. Is-Sinjura Pace elenkat ukoll numru ta' speċi ta' siġar endemiċi u issuġġerit li s-siġar tar-rand li jħaddar is-sena kollha tista ttiħ forma kif trid u tista tifforma ċint naturali li jaqta l-istorbju u l-*exhaust*.

**5.2.1 *Tweġiba***

Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill diġa ġibed l-attenzjoni lill-Infrastructure Malta fir-rigward tal-*barrier*. Hija qalet ukoll lis-suġġerimenti dwar is-siġar huma tajbin u ġew innutati.

**5.3 Is-Sur Carmelo Cutajar**

Is-Sur Cutajar f'kollegament telefoniku li sar miegħu waqt din il-laqgħa tkellem dwar għalqa li jieħu ħsieb u li tinsab fi Vjal Oleandri fejn il-Klabb tal-Boċċi. Huwa qal li ilu ħafna jitlob biex jittella' ħajt ma' din l-għalqa. Huwa qal li bħalissa f'din l-għalqa intefgħa ħafna ġebel kbir u riżultat ta' hekk din l-għalqa ma tistax tinħadem.

**5.3.1 Tweġiba**

Is-Sindku wieġbet li ħa tinforma lill-Infrastructure Malta dwar dawn l-ilmenti.

**5.4 Is-Sur Joe Attard**

Is-Sur Attard f'kollegament telefoniku tkellem dwar il-ħmieġ fin-naħa ta' isfel b'mod partikulari fi Triq il-Ġnien. Huwa qal li s-Sindku ma' qabżitx għar-residenti waqt li inkonvenjent li għaddew minnu meta sar il-proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani u kien hawn dak it-traffic kollu għaddej minn Santa Luċija.

**5.4.1 Tweġiba**

Is-Sindku qalet li hija infurmata li Triq il-Ġnien tnaddfet. Fir-rigward tal-inkonvenjent tat-traffiku waqt il-proġett tal-Mini s-Sindku qalet li ma setax isir mod ieħor u issa li tlesta dan il-proġett dan l-inkonvenjent spiċċa.

**5.5 Is-Sinjura Josette Ellul**

Is-Sinjura Ellul f'kollegament telefoniku staqsiet meta ser ikompli x-xogħol li għaddej bħalissa fuq il-gallarijiet tal-appartamenti liema xogħol qed isir mill-Awtorita' tad-Djar. Hija għamlet mistoqsija wkoll dwar it-trasport pubbliku.

**5.5.1 Tweġiba**

Is-Sindku wieġbet li kienet tkellmet ma' uffiċjali tal-Awtorita' tad-Djar u ġiet infurmat li kien hemm xi dewmien peress li kien hemm xi ħaddiema bi kwarantina u lix-xogħol ser ikompli kemm jista' jkun malajr. Rigward it-trasport pubbliku hija qalet li dan ser jerġa jiġi għan-normal dalwaqt.

**5.6 Is-Sinjura Rita D'Alfonso**

Is-Sinjura D'Alfonso f'kollegament telefoniku qalet li hi xtaqet titkellem fuq l-istess ħaġa li tkellmet is-Sinjura Josette Ellul.

**5.6.1 Tweġiba**

Is-Sindku infurmat lis-Sinjura D'Alfonso lix-xogħol fuq il-gallarijiet tal-appartamenti ser ikompli dalwaqt.

**5.7 Is-Sinjura Poly Cilia**

Is-Sinjura Cilia f'kollegament telefoniku qalet li hija dejjem tattendi għall-laqgħat tal-Lokalita' biex tkun taf aktar fuq ix-xogħol tal-Kunsill. Hija qalet li xtaqet tgħid grazzi lill-Kunsill tax-xogħol li jwettaq fil-lokalita'.

**5.7.1 Tweġiba**

Is-Sindku infurmat li din il-laqgħa qiegħda tiġi *live streamed* u minn jixtieq jista' jara wkoll *on demand.*

**6. DISKORS TAL-GĦELUQ**

Is-Sindku f'isem il-Kunsill kollu awgurat lir-residenti xewqat sbieħ għall-festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida.

**6. TMIEM**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

**IFFIRMATI**
**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum,il-____________,_ ta'_______________2020**

**IFFIRMATI**
**Charmaine St John**
**Sindku**